**Antifona *Beate Juliane***
**(Attribwita lil Mro. Angelo Pullicino)**



# It-tieni parti

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ħarġa tal-*Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier* tas-sena l-oħra kont introduċejtkom mal-*Antifona Beate Juliane* li jien qed nattribwixxiha lil Mro. Angelo Pullicino (pp. 70-77). Fl-ewwel artiklu kont spjegajt tajjeb kif wasalt għal dil-konklużjoni peress li għandi fil-pussess tiegħi l-mużika oriġinali tagħha, kif ukoll minn tagħrif li ġbart minn fomm Luċjan, ħu l-kompożitur, fl-2002. Tagħrif ieħor ġej ukoll mid-diversi kitbiet li ħallielna Spiru Tanti fil-programmi tal-festa jew 'Il-Mixja', il-bullettin parrokkjali.

Kif wegħedtkom, f'dit-tieni parti ser inlaqqagħkom mal-varji taqsimiet tagħha f'aktar dettal, u daħħalt xi eżempji mużikali fejn ħassejt li nista' infiehem ruħi b'mod aktar ċar. Ser insiru nafu wkoll min kienu l-koristi u l-mużiċisti dilettanti li aktarx kienu jiffurmaw parti mill-orkestrina ta' Mro. Pullicino. Wieħed irid ifakkar li għal xi żmien, dan is-surmast żagħżugħ kien ġie mqabbad minn Dun Pawl Galea biex jieħu ħsieb id-daqq waqt il-festa xitwija ta' San Ġiljan. Dari, din kienet tkun iċċelebrata fil-knisja l-qadima, imsejħa 'Ta' Lapsi'.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Knisja ta' Lapsi (San Ġiljan), Antifona, Anġlu Pullicino (surmast), Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'Ġ'F. Abela' Junior College, Soċjetà Mużikali 'Spinola' (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' (San Ġiljan), St. Julian's Choral Group.

It-tabella t'hawn taħt hi lista ta' strumenti mqiegħdin skont l-ordni kif soltu nsibuhom f'xi antifna jew xogħol ieħor sagru ta' dak iż-żmien, i.e. il-vjolini primi u sekondi fuq nett, taħthom l-istrumenti tal-qasba, imbagħad tar-ram, il-vuċijiet, u l-baxxi isfel nett. Il-parti tal-orgni mhux soltu tkun inkluża fil-partitura:

| *Antifona Beate Juliane* - partijiet | | |
|---|---|---|
| | Strument | Kummenti |
| | | |
| 01 | Violino I$^{mo.}$ | Teżisti fiż-żewġ settijiet |
| 02 | Violino 2$^{do.}$ | |
| 03 | Flauto in Do*b* | |
| 04 | Flauto in Do | |
| 05 | Clarino Solo | Teżisti fiż-żewġ settijiet |
| 06 | Clarino 2$^{do.}$ | |
| 07 | Corno I$^{mo.}$ Mi*b* | |
| 08 | Cornetta Sola | |
| 09 | Trombone Solo Si*b* | |
| 10 | Trombone I$^{mo.}$ | |
| 11 | Trombone 2$^{do.}$ | |
| 12 | Tenore I$^{mo.}$ | |

| | | |
|---|---|---|
| 13 | Tenore | |
| 14 | Euphonium Solo | |
| 15 | Orgni | |




Parti tal-antifna ta' Pullicino bil-marki li ħalla fuqha Manuel Grima tal-vjolin

Mit-tabella t'hawn fuq wieħed jinnota li b'kollox għandna 15-il parti, li huma biżżejjed biex wieħed joħroġ partitura minnhom, u b'hekk ikollu idea sewwa ta' kif inhi mużikalment meħjuta din l-Antifna attribwita lil Pullicino. Hemm numru ta' affarijiet li joħorġu minn dit-tabella, fosthom li: (03) din il-parti tinkludi biss l-antifna; (07) seta' kien hemm parti wkoll għal kornu sekond peress li l-parti li għandna f'idejna hi mmarkata $I^{mo.}$; (14) strument li mhux soltu naraw f'xogħlijiet simili hu l-ewfonju[1], li hawn neħodha li qed jagħmel ix-xogħol ta' vjolinċell. (Infatti, il-parti tal-*Innu Popolari San Ġiljan* imniżżla li għandha tindaqq minn vjolinċell u mhux ewfonju); (15) neħodha li dil-parti hi għall-orgni peress li mużika simili tindaqq fi knisja. Il-parti ma tispeċifikax jekk din hix għal orgni jew strument ieħor bit-tastiera. Ma' dawn il-punti nixtieq inżid ngħid ukoll li ma nistgħux ngħidu jekk qattx kienet teżisti xi parti għat-timpani peress li bħala strument tal-perkussjoni aktarx li kien dejjem jidħol f'xi biċċa mużika sagra ta' dat-tip. Mil-lista t'hawn fuq wieħed malajr jinnota li ħafna mill-istrumenti huma tal-banda u għaldaqstant, Pullicino kien iqabbad 'il xi bandisti tal-post. F'dawk li huma strumenti tal-korda mbagħad, kien jipprova jaħdem mill-anqas bihom. F'waħda mill-kitbiet li kien ħallhieli Luċjan, ħu s-Surmast, insibu li dil-orkestrina kienet tkun magħmula minn dal-koristi u mużiċisti li ġejjin:

| Isem u kunjom | Strument | | Isem u kunjom | Strument |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Agius Ġanni | Ewfonju | | Grech Ġiljan | Trumbun |
| Cassar Ġiljan | Klarinett | | Grech Salvu | Korist |
| Cefai Salvu | Korist | | Grima Manuel | Vjolin |
| Debono Bertu | Klarinett | | Pullicino Luċjan | Korist |
| Fenech Florian | Kornu | | Tanti Spiru | Korist |
| Galdes | Ottavin | | Turu | Vjolinċell |

Forma: Bħala ħin, din l-Antifna ma tiħux ħin wisq, daqs erba' minuti u kwart bir-repliki b'kollox, meta t-tul ta' waħda 'normali' hu ta' mhux anqas minn 10 minuti. Dal-fattur jagħmel minn din l-Antifna waħda żgħira, jew, kif ser nibda nsejħilha jien, 'antifna minjatura'.

Antifna hi kelma Griega li tfisser 'innu'. Imma fid-dizzjunarji lingwistiku tagħna, b'dil-kelma nifhmu dik is-silta sagra qsajra, aktarx meħuda mill-Bibbja, li tiġi reċitata[2] jew kantata waqt funzjonijiet liturġiċi u l-Uffiċċju Divin. Oriġinarjament, il-kant kien ikun fl-istil Gregorjan[3], iżda mbagħad bdiet tiġi mmużikata fi stili aktar kontemporanji minn kompożituri varji. Aktarx li l-antifna titkanta b'mod polifoniku b'tali mod li tinvolvi aktar minn vuċi waħda, jonkella żewġ korijiet jirrispondu 'l xulxin.

[1] Is-Surmast Angelo Pullicino kien idoqq tajjeb ħafna l-ewfonju. Għamel żmien kien idoqqu mal-King's Own tal-Belt, Valletta.

[2] Tip ta' kant li għandu mit-taħdit ukoll fl-istess waqt. Min ikanta ir-reċitativ ikun liberu f'dak li hu ritmu u temp. Issibu l-aktar f'xogħlijiet vokali bħalma huma l-opra u l-ortatorju.

[3] Tip ta' kant tal-knisja, aktarx mingħajr akkumpanjament ta' xejn. Jissejjaħ hekk għax kien ġie riformat mill-Papa Gregorju I.

Dawn normalment ikunu akkumpanjati minn orkestrina bħalm' hu l-każ tagħna. F'Malta, l-antifna hi dik il-biċċa mużika tant mistennija mill-ammiraturi waqt id-dħul tal-vara fil-knisja eżatt malli tidħol il-purċissjoni bi-istatwa tal-qaddis/a.



Ritratt tal-1926 surmast żagħżugħ Anġlu Pullicino (1904-79)

Il-biċċa l-kbira tal-antifni tas-seklu 19 u l-ewwel nofs tas-seklu 20 jieħdu l-forma ternarja, jiġifieri xogħol mużikali li jaqa' taħt tliet taqsimiet distinti fejn: (1) tissejjaħ A għax tiġi l-ewwel taqsima. Din tinbena madwar tema ewlenija (Tema a); (2) tissejjaħ B, u li tifforma t-tieni taqsima, jew il-parti tan-nofs, u b'tema kemmxejn differenti minn ta' qabilha biex toħloq kuntrast (Tema b); u (3). Dit-tielet taqsima tista' tkun, jew (a) A (i.e. ripetizzjoni eżatta), jew aħjar, (b) $A^1$ (i.e. ripetizzjoni viċin).

Fil-każ tal-*Antifona Beatu Juliane* ta' Pullicino l-affarijiet huma differenti għax hawnhekk għandna biss żewġ taqsimiet A + B replikati, u b'introduzzjoni fuq quddiem u koda fuq wara. (Jekk tqabbel l-istruttura ta' dil-Antifna ma' dik ta' Mro. Alberto Vella ssib li għandhom ħafna minn xulxin). It-tabella t'hawn taħt tispjega dan li qegħdin ngħidu f'aktar dettal:

| Forma | Taqsima | Test | Battuti | Temp | Rimarki | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | | $00^4$ - $12^3$ | *Allegro* | Introduzzjoni | |
| **A** | 2 | *Beate Juliane Protector Sanctissime* | $12^4$ - $24^3$ | *Tempo I*$^{mo.}$ | Sentenza (a) | REPLIKATI |
| | 3 | *Intercedes pro nobis* | $24^4$ - 32 | l-istess temp | Sentenza (b) | |
| | 4 | *A Domine* | 33 - $35^3$ | *Largo* | Passaġġ ħolqa | |
| **B** | 5 | *Intercede pro nobis* | $35^4$- 43 | *Tempo I*$^{mo.}$ | Sentenza | |
| | 6 | *Domine Iesum Christe* | 44 – 48[49] | *Largo* | Grupp kadenzjali | |
| | 7 | | 50 - 57 | *Allegro* | Koda | |

Mit-tabella t'hawn fuq wieħed jinnota li l-Antifna għandha seba' (7) taqsimiet żgħar u li kollha għandhom xi tip ta'funzjoni jew oħra fin-nisġa tagħha. Taqsima a mmarkajtha b'lewn ċar filwaqt li, Taqsima b b'ieħor skur. Fil-ġenb, fuq il-lemin tat-tabella niżżilt il-kelma 'replikati' peress li t-taqsimiet involuti iridu jerġgħu jindaqqu, qabel ma l-mużika tmur fis-sekonda volta, li mhix għajr il-koda tal-aħħar. Kemm l-introduzzjoni, kif ukoll il-koda mmarkajthom b'lewn ftit skur biex infisser li l-qalba tal-mużika (A+B) għandha materjal ieħor fuq barra taż-żewġ naħat tagħha. Ħaġ'oħra li xtaqt ngħid, għalkemm mhix fit-tabella, hi li t-tonalità tagħha hija in Si*b* Maġġuri. Kif ser naraw, il-mużika timmodula darba biss lejn is-sottodominanti (IV) permezz tal-passaġġ ħolqa (33-$35^3$) u ma terġax lura għat-tonalità li tkun bdiet biha. Din mhix ħaġa normali f'xogħol ta' dan it-tip li jiftaħ u jagħlaq f'tonalità differenti, speċjalment jekk il-forma tkun waħda ternarja. Fil-każ tagħna allura nistgħu ngħidu li għandna forma binarja minflok, u li allura tista' tippermettielna li nibdew f'tonalità u nispiċċaw f'oħra, bħalma jiġri normalment f'marċ meta jmur għat-triju. F'dik li hi estetika mbagħad, ix-xogħol hu wieħed pjuttost ibbilanċjat peress li, l-introduzzjoni = 12-il battuta; Taqsima a fiha 23 battuta, jew aħjar, sentenza (a) = 12 + sentenza (b) = 8 + passaġġ ħolqa (*Largo*) = 3; Taqsima b fiha 14-il battuta, jew aħjar, sentenza = 8 + grupp kadenzjali (*Largo*) = 6; u l-koda, li fiha 7 battuti.

**ANALIŻI**: Din tinkludi biss deskrizzjoni qasira u ġenerika tax-xogħol li għandna f'idejna bla ma nidħol f'wisq dettalji tekniċi.

(1) Introduzzjoni ($00^4$-$12^3$): L-ewwel parti tal-mużika sservi biex tintroduċi minnufih it-tema ewlenija tal-Antifna u tistabbilixxi t-tonalità tas-Si*b* Maġġuri. Fl-eżempju t'hawn taħt jidhru l-ewwel erba' battuti fejn il-melodija tibda *in aria* u tmur mill-ewwel fuq trijadi arpeġġjat, segwit minn tliet noti oħra mtarrġin fil-battuta ta' wara. L-istess jiġri fit-tieni frażi. Kif wieħed jista' jara, iż-żewġ frażijiet joħolqu bħal mistoqsija u tweġiba bejniethom peress li din tal-aħħar tinbena fuq l-istess mudell tal-oħra. Xi ħaġa wkoll fuq il-baxxi, fejn l-erba' semibrevijiet jiffurmaw bejniethom is-sinjal tas-salib.

Dan tista' tagħmlu billi tgħaqqad b'sing l-ewwel mal-aħħar nota u tieni mat-tielet waħda. Dat-tip ta' motiv forma ta' kruċ tiltaqa' miegħu ħafna fix-xogħlijiet Barokki, ngħidu aħna, ta' J.S. Bach (eż. 1):

Ez. 1



Il-bqija tal-introduzzjoni tikkonsisti fit-tkomplija tat-tema, fejn il-vjolini jintisġu b'mod kuntrapuntali, sostnuti wkoll mill-flawt u ż-żewġ klarinetti in Si*b* (eż. 2):

Ez. 2



Lejn l-aħħar tal-introduzzjoni nsibu mmarkat *rallentando*, li permezz tiegħu l-mużika tnaqqas minn ġirjietha u tmur biex tistrieħ fuq pawsa f'tarf kadenza miftuħa.

**TAQSIMA A**: Dit-taqsima fiha żewġ sentenzi ta' tulijiet differenti fejn (a) 12-il battuta u (b) tmienja biss:

(2) Sentenza (a) ($12^4$-$24^3$): Din tuża l-istess materjal tal-introduzzjoni bid-differenza biss, li l-volum huwa mmarkat *piano* (bil-mod) peress li jidħlu jkantaw il-vuċijiet tenorili.

(3) Sentenza (b) ($24^4$-32): F'dit-tieni parti nsibu l-istess akkordji li kellna fl-introduzzjoni. Interessanti l-fatt madankollu, li hawn bħal donnu għandna żewġ gruppi vokali jwieġbu 'l xulxin permezz ta' żewġ frażijiet ta' żewġ battuti l-waħda. Iż-żewġ frażijiet l-oħra li jiġu warajhom mhumiex għajr repetizzjoni. Fihom il-melodija timxi b'noti tielgħin b'mod imtarraġ u f'forma ta' arpeġġ rispettivament, imma li, fiż-żewġ każijiet, imorru biex jagħlqu fuq nota twila. Wieħed ma jistax ma jinnotax hawnhekk, li l-kurunetta tidħol dejjem fit-tieni frażi bi tweġiba għall-istrumenti tal-korda u l-qasba. Dan kollu joħloq effett sabiħ ta' diwi bħalma nsibu f'xogħlijiet Barokki fejn il-ħoss maestuż tal-orgni u l-korijiet kienu jiddominaw ix-xena mużikali Ewropea (eż. 3):

Ez. 3



(4) Passaġġ ħolqa ($33$-$35^3$): Passaġġ qsajjar ta' tliet battuti kollox u mmarkat *Largo*, li xogħlu mhux biss li jagħlaq l-ewwel taqsima, imma wkoll li jgħin il-mużika timmodula lejn is-sottodominanti (IV), i.e. Mi*b* Maġġuri. Interessanti l-fatt, li dal-passaġġ jiftaħ ukoll bi trijadi arpeġġjat u jisfa mwaqqaf darbtejn permezz ta' pawsa, jew kuruna, biex joħloq is-suspans mixtieq.

**TAQSIMA B**: Dit-taqsima wkoll hi magħmula minn żewġ partijiet – sentenza (8 battuti) + grupp kadenzjali (6 battuti):

(5) Sentenza ($35^4$-43): Hawn għandna l-istess sitwazzjoni bħalma kellna fit-tieni parti tal-ewwel taqsima, fis-sens li l-vuċijiet jibqgħu jwieġbu ‘l xulxin bħal f’ċaqlembuta mużikali, u bil-kurunetta tibqa’ tweġibhom fit-tieni frażi. L-uniku differenza, minbarra sintendi t-tonalità, qiegħda fil-melodija, fejn in-noti aktarx jinżlu b’mod imtarraġ, u fejn l-akkordji mħaddma jagħlqu għal fuq kadenza miftuħa (eż. 4):

Ez. 4



(6) Grupp kadenzjali (44-48 [49]): Dal-passaġġ qsajjar, immarkat *Largo* (bil-mod u b’mod solenni), għandu żewġ funzjonijiet simultanji x’jaqdi: (a) li jġib fi tmiem it-tieni taqsima bil-kant ta’ *Domine Iesum Christe*, u (b) li jservi ta’ ħolqa mużikali għal biex il-mużika tmur u tirreplika ruħha eżatt minn wara l-introduzzjoni. Dan ifisser li l-mużika tkun trid terġa’ timmodula lura għall-kjavi li tkun bdiet biha, jiġifieri Si*b* Maġġuri. Għal dal-għan, l-ewwel replika tagħlaq fuq kadenza miftuħa li ovvjament trid tinvolvi n-nota ‘La’, imma bekwadra[4]. Grupp kadenzjali ismu miegħu, ikun jinvolvi serje t’akkordji aktarx imdaqqin mill-orkestra biex jagħlqu taqsima, saħansitra moviment sħiħ. Infatti, jista’ jkollok aktar minn grupp wieħed skont il-kobor tax-xogħol. Fil-każ tagħna wieħed huwa biżżejjed peress li qegħdin nitkellmu fuq xogħol żgħir bħal mhi din l-antifna minjatura.

(7) Koda (50-57): L-aħħar seba’ battuti huma immarkati *Allegro*, u għaldaqstant għandhom jindaqqu f’temp imgħaġġel u li jibqa’ jaċċelera ruħu sal-aħħar nett fejn hemm il-kuruna tistenna ‘l kulħadd. Dan hu l-klajmaks tal-Antifna li jilħaq il-qofol tiegħu biċ-ċapċip entużjażmat tal-ammiraturi li soltu joħonqu l-knisja ma’ dħul il-vara (eż. 5):

Ez. 5



Il-koda tiftaħ bid-daqq tal-vjolini u strumenti tal-qasba, li f’ġest eleganti tal-aħħar, jitilgħu jiġru ‘l fuq, permezz tal-kromi, fejn ikun hemm tistenniehom l-ewwel pawsa. Eżatt wara mbagħad, jidħlu t-tenuri fl-unisonu[5] jkantaw l-*Aleluia* għall-akkumpanjament tal-orkestra kollha ddoqq *fortissimo* (bil-qawwi ħafna). Wieħed jinnota wkoll, in-nota twila fl-aħħar ħames battuti pprovduta mill-pedala tal-orgni,

[4] Dan is-sinjal jitqiegħed quddiem nota li permezz tiegħu jikkanċella bemoll jew djesis.
[5] Kelma li tfisser kant jew daqq tal-istess nota jew noti minn żewġ jew aktar vuċijiet u/jew strumenti.

filwaqt li l-bqija tal-istrumenti jinżlu u jerġgħu jitilgħu f'arpeġġ tal-aħħar permezz tal-minimi. Kif ġa għedna, l-Antifna ma tagħlaqx fit-tonalità oriġinali imma tibqa' fil-kjavi li biha tkun bdiet it-tieni taqsima.

L-Antifna *Beate Juliane* ta' Mro. Angelo Pullicino (b'arranġament tiegħi għall-banda) kienet ġiet eżegwita fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan fis-26 ta' Jannar 2012 għall-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġiljan tax-Xitwa waqt kunċert vokali u strumentali li permezz tiegħu kien ingħata bidu uffiċjali għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-85 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Banda San Ġiljan. Ħa sehem ukoll, is-*St. Julian's Choral Group* taħt id-direzzjoni tal-Baritonu Pio Dalli u l-organista Joseph Caruana. Il-kunċert kien taħt id-direzzjoni tiegħi.

L-istess Antifna reġgħet ġiet eżegwita, did-darba flimkien ma' tlieta oħra ddedikati lill-istess Qaddis (ukoll b'arranġament għall-banda tiegħi), fil-knisja ta' Lapsi il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu 2016 fl-okkażjoni tal-125 sena mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1891. Fil-kunċert daqqet is-Soċjetà Mużikali Spinola flimkien mat-Tenur Brian Cefai u l-Baxx Anthony Montebello kif ukoll, is-*St. Julian's Choral Group*, dejjem taħt id-direzzjoni tal-Baritonu Pio Dalli. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast-direttur, Mro. Aldo Minuti.